

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 943/2008

tal-25 ta' Settembru 2008

li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-registro tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Presunto de Campo Maior e Elvas jew Paleta de Campo Maior e Elvas (IĠP), Presunto de Santana da Serra jew Paleta de Santana da Serra (IĠP), Slovenský oštiepok (IĠP))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrícoli u l-oġġetti tal-ikel [traduzzjoni mhux uffiċjali] (¹), u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(4),

Billi:

- (1) Skond l-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 6(2) u skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba tas-Slovakkja biex tirreġistra l-isem "Slovenský oštiepok" kif ukoll it-talba tal-Portugall biex jirreġistra l-ismijiet "Presunto de Campo Maior e Elvas" jew "Paleta de Campo Maior e Elvas" u "Presunto de Santana da Serra"

jew "Paleta de Santana da Serra" ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (²).

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, dawn id-denominazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjonijiet li jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament huma b'dan irreġistrati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 308, 19.12.2007, p. 18 (Presunto de Santana da Serra jew Paleta de Santana da Serra), ĠU C 308, 19.12.2007, p. 23 (Presunto de Campo Maior e Elvas jew Paleta de Campo Maior e Elvas), ĠU C 308, 19.12.2007, p. 28 (Slovenský oštiepok).

ANNESS

Prodotti agrikoli għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.2. Prodotti magħmulin mil-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ...)

IL-PORTUGALL

Presunto de Campo Maior e Elvas ou Paleta de Campo Maior e Elvas (IĠP)

Presunto de Santana da Serra ou Paleta de Santana da Serra (IĠP)

Klassi 1.3. Ġobnijiet

IS-SLOVAKKJA

Slovenský oštiepok (IĠP)
